MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 493/2003

**Personal Securities Services Limited**

**vs**

**Louis Vella u martu Audrey Vella Mumford**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 t'Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu s-somma ta' elfejn u tmienja u tletin Lira Maltin u hames centezmi, (LM2038.05,0), rapprezentanti d-danni inkorsi mis-socjeta' attrici naxxenti minn misapproprjazzjoni jew negligenza grossolana

taghhom waqt l-impjieg mas-socjeta’ attrici bejn it-22 ta’ Jannar tas-sena 2003 u s-26 ta’ Marzu tas-sena 2003;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-15 t’Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Preliminarjament, illi l-eccipjenti Audrey Vella Mumford ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici, qatt ma kienet impjegata maghha, u ghalhekk ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-allegazzjonijiet taghha huma ghal kollox inveritieri stante li l-eccipjenti Louis Vella dejjem qeda dmiru b’onesta’ u bl-ahjar mod possibbli;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici lanqas sofriet id-danni pretizi;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut Louis Vella kien impjegat bhala gwardja giurata mas-socjeta’ attrici, u dam hekk impjegat ghal perjodu ta’ madwar sena jew sena u nofs;

2. Illi l-konvenut ittermina l-impjieg tieghu f’Marzu tas-sena 2003;

3. Illi fost l-impenji tal-konvenut fl-ingagg tieghu mas-socjeta’ attrici dan kellu dak ta’ kaxxier fil-parkegg tal-lukanda “Intercontinental”;

4. Illi dan il-parkegg kien gestit mis-socjeta’ attrici ghall-grupp Eden Leisure, liema grupp hu effettivament is-sid ta’ l-istess parkegg;

5. Illi f’okkazjoni minnhom is-socjeta’ attrici kienet avvicinata minn rapprezentant tal-Grupp fuq indikat li dan ta’ l-ahhar kienu rriskontraw nuqqas ta’ dhul u allura diskrepanza finanzjarja, mid-dhul li kien ikun hemm fil-parkegg;

6. Illi peress li s-sistema tad-dhul fl-imsemmi parkegg kienet sorveljata b’mod komputerizzat, irrizultalhom li l-barrikata li kienet hemm istallata biex tippermetti l-hrug ta’ vetturi kienet tigi spiss attivata mill-kaxxier li kien ikun stazzjonat fil-gabina appozita u dan, minghajr ma jkun hemm l-introjtu monetarju relattiv ghall-uzu ta’ l-istess parkegg;

7. Illi ovvjament kien hemm stabbilita struttura fejn xi persuni impjegati ma’ l-istess Grupp kienu ezenti mill-pagmenti relattivi izda anke dawn, kienu jkunu ndikati f’dokumenti appoziti;

8. Illi ovvjament, kwalunkwe intervent kien ikun registrat fil-komputer tal-Grupp, u dan, ghall-insaputa tal-kaxxiera involuti;

9. Illi fejn il-barrikata setghet tigi adoperata manwalment, il-kaxxiera nvoluti, inkluz il-konvenut, kienu debitament istruwiti li dan il-metodu kellu jkun uzat ghar-ragunijiet specifikati minn qabel;

10. Illi skond il-Grupp din il-manumissjoni kienet qed tikkawza danni ingenti lill-istess Grupp u effettivament iddahhlet anke l-pulizija;

11. Illi minn ezami tal-“hard drives” tal-komputers ikkoncernati irrizulta li fil-hinijiet u fid-dati li kien ikun xoghol il-konvenut Vella kien hemm regolarment numru sostanzjali ta’ okkazjonijiet fejn il-barrikata in dizamina kienet qed tkun attivata minghajr ebda forma ta’ gustifikazzjoni skond l-istruzzjonijiet perentorji moghtija lill-kaxxiera kollha hemm impjegati;

12. Illi minn analizi approfondit ta’ din il-manumissjoni ghall-perjodu bejn it-22 ta’ Jannar tas-sena 2003 u s-26 ta’ Marzu ta’ l-istess sena, rrizulta li kien hemm komplessivament disa’ mija u tmienja u hamsin manumissjoni, (958), skond kif indikat a fol 14;

13. Illi l-pagament medju ghall-uzu tal-parkegg de quo kien jammonta ghal zewg Liri Maltin, (Lm2.00,0);

14. Illi jirrizulta lis-socjeta’ attrici li l-konvenut hu responsabbli li kkagunalha b’madwar elfejn, tmienja u tletin Lira Maltin u hames centezmi, (LM2,038.05,0), f’danni b’dan il-mod;

15. Illi dan l-ammont gie debitament imhallas mis-socjeta’ attrici lill-Grupp fuq indikat u konsegwentement din ma kellha l-ebda alternattiva ohra hlief li tipprocedi b’din il-procedura fil-konfront tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tal-konvenut Vella tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi hu minnu li fil-perjodu in dizamina hu kien impjegat bhala gwardja giurata mas-socjeta’ attrici;

2. Illi d-diskrepanzi fil-kompjuter kienu rizultat ta’ hsarat ikkagunati mill-ilma tax-xita li kien ixarrab il-magna u jimpediha milli tiffunzjona;

Ikkunsidrat:

Illi rigward ir-raguni li jistrieh fuqha l-konvenut ghandu jinghad li din hi ghal kollox irrizorja peress li skond il-“hard drives” ezaminati, dak minnu allegat ma kienx ta’ xi konsegwenzi tali li jiddisturba l-introjtu finanzjarju tal-Grupp bl-ammont li eventwalment irrizulta;

Illi minflok, dak li rrizulta kien li d-diskrepanzi osservati dejjem sehhu meta l-konvenut kien responsabbli mill-parkegg;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut ghandu jinghad li ghalkemm il-mara tieghu hi ghal kollox estranea ghall-manomissjonijiet riskontrati, pero’ l-beneficcju riskontrat kienet qed tgawdi minnu;

Illi in oltre, stante li danni kawzati jridu jigu ripagati mill-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, s-sejha tal-konvenuta f’din il-procedura hi legittima;

Ghaldaqstant, din il-qorti qed tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi rigward id-danni allegati mis-socjeta’ attrici, din il-qorti hi sodisfatta li din is-socjeta’ ipprovat li sofriet dawn id-danni skond il-ligi u konsegwentement qed tirrespingi wkoll l-eccezzjoni numru tlieta (3) sollevata mill-konvenut, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-eccezzjoni numru tnejn (2) stante s-sintesi ta’ l-analizi fuq indikat, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta’

attrici ipprovat il-kaz taghha kontra l-konvenut u ghalhekk filwaqt li tirrespingi wkoll din it-tieni (2) eccezzjoni, takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tikkundanna lill-konvenuti fuq indikati biex ihallsu lis-socjeta' attrici wkoll fuq indikata s-somma ta' elfejn u tmienja u tletin Lira Maltin u hames centezmi, (LM2,038.05,0), ekwivalenti ghal erbat elef, seba' mija u seba' u erbghin Ewro u tmienja u tletin centezmu, (€4,747.38,0), rapprezentanti d-danni nkorsi mis-socjeta' attrici kif dedott fl-avviz promotur;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------